MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Numru. 319/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa`**

**Vs**

**Alexia Cross**

Il-Qorti:

Rat l-imputata Alexia Cross, bint James u Josephine nee` Mangion, imwielda San Giljan fl-14 ta` Gunju, 1979, u residenti f`'Falcon Court', Flat 5, Triq Katerina Vitale, San Pawl il-Bahar u detentrici tal-karta ta` l-identita` numru 316279 (M) li giet imressqa quddiemha talli:-

F`dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta` Mejju u Gunju, 2004, b`mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta` l-ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b`qerq iehor, ingann, jew billi kienet wriet haga b`ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta` disa` mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm 919.62) ghad-dannu ta` Victor u Dorothy Gauci minn Naxxar.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, approprijat ruha, billi dawret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta` haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe` hadet u zammet ghandha disa` mija u dsatax-il lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm 919.62), ghad-dannu ta` Victor u Dorothy Gauci minn Naxxar.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni f`att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b`falsifikazzjoni jew b`tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f`dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew bidlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement l-imputata kienet ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamlet falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f`kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta` spejjez li jkollhom x`jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk

kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta’ April 2007 (Dok. AG3 *a folio* 8 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputata din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputata tiddikjara li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar it-8 ta’ Gunju, 2007 *ai termini* ta’ l-Artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputata kif registrata fis-seduta tat-8 ta’ Gunju 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9  u cioe’ wara li l-imputata wiegbet li hija hatja, din il-Qorti wissietha b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghha u hija inghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputata l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputata u l-ammissjoni bikrija minnha registrata u jidrilha li hija ghandha tinghata l-ahhar opportunita’ sabiex tirriforma ruhha u taqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 28A u 308, 309,310(1) (b), 293, 183, 184 u 189 tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputata hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghha kif minnha ammessi u tikkundannaha ghal disa’ (9) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2) millum,

Tordna wkoll lill-imputata ai termini tal-artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta' Malta thallas is-somma ta' disa' mija u dsatax il-Lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (LM 919.62) lil Victor u Dorothy Gauci u dan fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti tiddkjara ghal kull buon fini illi hija spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputata u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------